MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2006

Numru. 208/2002

PULIZIJA
SPETTUR ANGELO CARUANA
VS
WAYNE SCOTT SCHEMBRI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Wayne Scott Schembri, ta' 20 sena, bin Ronald u Antoinette nee' Xuereb, imwieled Pieta' fis-7 t'Ottubru 1981, u residenti 152, Triq id-Duluri, Hamrun, u detentur tal-karta tal-identita' numru 569481(M), u akkuzat talli f'Manuel Island, fis-17 ta' Lulju 2001, ghal habta tat-tmienja ta' filghaxija, bil-hsieb li jikkommetti serq ta' stereo minn vettura tal-marka Toyota bin-numru tar-registrazzjoni JBD723, wera dan il-hsieb b'atti esterni, u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu, liema tentattiv ta' serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-valur, u li ma

jeccedix l-elf Lira Maltin (Lm1000), u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta' Marvic Agius.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' hsarat fil-vettura tal-marka Toyota bin-numru tar-registrazzjoni JBD723, liema hsara tammonta ghal aktar minn hamsin Lira Maltin (Lm50) izda ma teccedix il-hames mitt Lira Maltin (Lm500), u li dan sar ghad-detriment ta' Marvic Agius.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat Artikli 41, 261, 267, 270, 271, 279, 325 u 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghal erbatax-il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn, u dan wara li din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat, l-eta' giovanili tieghu u in vista tal-fatt illi, fil-mori tal-kawza, hallas ghall-hsara kollha illi wettaq.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------